MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' April, 2007

Talba Numru. 982/2006

**Talba Nru: 982/06PBC**

**Media.Link Communications Company Limited (C 6170)**

**Vs**

**Fitness Factory Limited (C 35472)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u tnejn u tletin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu (Lm532.48c) u dan rapprezentanti hlas ghal servizz ta'

reklamar fuq il-mezzi tal-*media* tas-socjeta' attrici, rezi mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta fuq inkarigu taghha stess, u mhux imhallsa hekk kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat Dok. A. Interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra bonarja datata 29 t'Awissu, 2006 is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tigi istitwita l-kawza odjerna.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi din il-kawza hija wahda intempestiva u dan peress illi s-socjeta' konvenuta qatt ma rceviet fattura, jew qatt ma giet interpellata sabiex thallas l-ammont mitlub qabel din il-kawza. Anzi s-socjeta' konvenuta kienet ripetutament titlob lis-socjeta' attrici sabiex tibghatilha l-fatturi relattivi matul il-perjodu ta' reklamar, izda dan qatt ma sehh. Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma eccessivi u dan peress illi l-ammont miftiehem bejn il-partijiet kien wiehed anqas minn dak mitlub mis-socjeta' attrici, u li l-ammont kellu jkopri perjodu ta' reklamar itwal minn dak li effettivament indikat f'Dok. A u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Roberta Cauchi u ta' El St John.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Michael Zammit Maempel ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Karl Briffa ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi certu Daniel Chircop li kien qed jahdem fuq inkarigu tas-socjeta' attrici kien kellem lil El St John li tirrapprezenta lis-socjeta' konvenuta u hajjarha biex taghmel reklami fuq programm televiziv

fuq in-Net Television li kien programm li kien ser jaghmel hu.

Hija accettat li taghmel dan pero' nfurmatu illi hija kellha budget ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) kompriz il-VAT. Hija ffirmat il-ftehim li jinsab a fol 15 tal-process izda l-konvenuta ssostni illi meta ffirmat dan id-dokument ma kienx hemm ammonti ta' flus imnizzlin fuqu. Dakinhar li gie ffirmat il-ftehim id-diskors kien illi mbaghad Daniel Cauchi jinforma lil El St John dwar ezattament kemm ser ikun il-kont. Jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess El St John illi 'l ghada, Daniel Chircop cempel lil El St John u nfurmaha illi l-kont kien ser ikun ta' ftit aktar minn hames mitt lira Maltin (Lm500) izda hija m'accettatx u riedet li dan ikun ta' mhux aktar minn hames mitt lira Maltin (Lm500). Il-ftehim bejniethom kien illi l-*advertising* idum sejjer ghall-perjodu ta' sena.

Meta sar dan id-diskors Chircop qal lil St John illi ser jipprova jara x'jista' jaghmel u l-affarijiet baqghu hekk.

Jirrizulta mill-provi illi effettivament l-*advertising spots* bdew isiru u ghalkemm is-socjeta' attrici bdiet tibghat l-*invoices*, m'hemmx prova sodisfacenti li dawn l-*invoices* attwalment waslu ghand is-socjeta' konvenuta izda jirrizulta illi wara xi xhur, Daniel Chircop li kien imur it-*training* fil-*gym* tas-socjeta' konvenuta saqsa lil El St John ghaliex ma kienux qeghdin ihallsu l-*invoices* u hija wiegbet li ma kienetx irceviet l-ebda *invoice* u ghalhekk huwa nfurmaha bil-kont relattiv sa dak iz-zmien. Is-socjeta' konvenuta ma hallset xejn hlief l-ewwel sittin lira Maltin (Lm60) li kienet hallset meta sar il-ftehim inizjali mas-socjeta' attrici. Eventwalment is-socjeta' konvenuta rceviet ittra interpellatorja li hemm referenza ghaliha fl-Avviz u xorta wahda ma hallset xejn u ghalhekk giet istitwita l-kawza odjerna.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-fatt sar *advertising* li jkopri l-perjodu minn Ottubru 2005 sa Mejju 2006, jigifieri fuq medda ta' tletin (30) gimgha, meta mid-dokument a fol 15 tal-process jirrizulta li l-*advertising* gie kkuntjat fuq perjodu ta' disgha u tletin (39) gimgha.

Hemm kunflitt bejn il-partijiet dwar kemm kellha tkun ir-rata u ghalkemm Roberta Cauchi ghas-socjeta’ attrici xehdet dwar l-ammont mitlub, hija ma kienetx il-parti li nnegozjat il-ftehim mal-konvenuta u l-konvenuta ssostni repetutament illi l-ftehim kien ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) kompriz il-VAT. Certament hemm kunflitt bejn it-tezi ta’ l-atturi u t-tezi tas-socjeta’ konvenuta f’dan ir-rigward u stante huwa ghas-socjeta’ attrici biex iggib provi sodisfacenti fir-rigward, kwalunkwe dubju ghandu jmur favur il-konvenuta u ghalhekk fid-dawl tal-premess, it-Tribunal huwa tal-fehma li ghandu joqghod fuq l-affermazzjoni tal-konvenuta illi l-ftehim kien ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) kompriz il-VAT. Jekk wiehed jahdem b’dan l-ammont *pro-rata* fuq medda ta’ disgha u tletin (39) gimgha dan igib rata ta’ tnax-il lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm12.82c) kull gimgha li stante li s-servizz inghata ghal tletin (30) gimgha igib total ta’ tlett mija w erbgha u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm384.61c).
Il-konvenuta tallega li hija hallset sittin lira Maltin (Lm60) meta sar il-ftehim u l-prova tal-pagament tispetta lill-konvenuta. Meta l-konvenuta rceviet l-ittra interpellatorja u cemplet lil Roberta Cauchi u nfurmatha wkoll li kienet hallset sittin lira Maltin (Lm60), Roberta Cauchi wiegbet illi jekk hija verament kienet hallset dan l-ammont, il-flus kien zammhom Chircop. Cauchi ma cahditx li Chircop seta’ rcieva dawn il-flus minghand il-konvenuta.

It-Tribunal f’dan ir-rigward huwa propens illi jemmen l-affermazzjoni ta’ El St John li verament hija hallset is-sittin lira Maltin (Lm60) lil Daniel Chircop u f’dak il-mument li sar dan il-hlas Chircop kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta’ attrici. Tant kien qed jagixxi f’isem is-socjeta’ attrici illi huwa pprezenta l-ftehim lill-konvenuta u ghalhekk jekk il-konvenuta tat il-flus lilu, hija kienet qeghda taghti l-flus lilu fil-kapacita’ rapprezentattiva tas-socjeta’ attrici, izda jekk jirrizulta illi Chircop zamm il-flus fil-but u ma vversahhomx lis-socjeta’ attrici, ghandha ssir riserva favur is-socjeta’ attrici fil-konfront ta’ l-istess Daniel Chircop.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-ammont fuq imsemmi ta' tlett mija w erbgha u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm384.61c) ghandha titnaqqas is-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) biex b'hekk jigi bilanc ta' tlett mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm324.61c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm324.61c) bl-interessi mill-31 ta' Mejju, 2006 (data ta' l-ahhar fattura) sad-data ta' pagament effettiv. Qeghda ssir riserva favur is-socjeta' attrici *si et quatenus* ta' kull pretenzjoni fir-rigward tal-mertu ta' din il-kawza fil-konfront ta' Daniel Chircop. L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu kwantu ghal ¾ ghas-socjeta' konvenuta u ¼ ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------